**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 26 ta' April 2002**

**Numru 5**
**Citaz. Nru. 126/91 FD**

**Dennis Calleja**

**Vs**

**Louise Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' April 1982;

Premess illi l-attur ma kienx jaf sewwa lill-karattru tal-konvenuta u vice versa qabel iz-

zwieg, u ghalhekk ma kienx jaf lill-persuna l-ohra u cioe` lill-konvenuta;

Premess illi l-kunsens ta' l-attur gie mehud b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra, liema fatt minhabba n-natura serja tieghu, kien konducenti ghat-tifrik serju fil-hajja konjugali bejn il-kontendenti;

Premess illi l-kunsens tal-kontendenti huwa vizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja matrimonjali jew l-obbligi u drittijiet essenzjali taz-zwieg;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni opportuna, tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-14 ta' April 1982 huma null u minghajr ebda effett fil-ligi ai termini ta' l-Att ta' l-1975 li jirregola z-Zwieg;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eccepiet:-

Illi l-konvenuta ma setghetx topponi l-annullament ghaliex il-fatti kif deskritti mill-attur kienu bazikament korretti;

Ghamlet ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta, u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta' Gunju 1991 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Tonio Mallia bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert legali li tinsab a fol 153 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas-17 ta' Mejju tas-sena 2000;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur intavola din ic-citazzjoni fejn talab lill-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg

li huwa kkontratta mal-konvenuta ai termini ta' l-Att ta' 1975 li jirregola z-Zwieg;

Illi minn naha taghha l-konvenuta eccepiet illi hija kienet taqbel mal-fatti dikjarati mill-attur;

Illi flimkien ma' din il-kawza kien hemm ukoll kawza ohra bejn il-partijiet fejn l-istess attur talab is-separazzjoni minn ma' martu u kien fiha t-talbiet soliti ghall-kawza ta' separazzjoni; illi skond ma jirrizulta mill-process il-partijiet u d-difensuri qablu li z-zewg kawzi jimxu flimkien u li l-provi li jingabru f'wahda ikunu jaghmlu stat ghall-kawza l-ohra; jista' jinghad li dawn il-kawzi damu hafna minhabba id-diffikulta fil-gbir tal-provi fil-kawza ta' separazzjoni, liema kawza giet pero` finalment tranzatta bejn il-kontendenti ftit tax-xhur ilu u ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali;

Illi l-provi huma estensivi pero` ftit huma dawk li jikkoncernaw it-talba ghall-annullament. Illi minn dawn il-provi jidher li l-kontendenti zzewgu meta kienu ta' eta` zghira peress li huwa kellu appena ghoxrin sena u hija kellha sbatax-il sena u li kellhom jizzewgu peress illi l-konvenuta kienet harget tqila u in fatti t-tarbija twieldet ftit xhur wara iz-zwieg;

Illi ma hemmx dubju li z-zewg kontendenti ma kienux ippreparati ghall-pass bhal dan u fil-fatt ghazlu li jibqghu jghixu l-hajja ta' guvni u xebba; jista' jinghad illi komplew ghal perjodu li ghamlu flimkien, biss minhabba l-intervent tal-genituri taghhom illi mid-dehra taghhom ippruvaw

kull ma setghu biex iressqu lill-kontendenti ghall-hajja mizzewga normali; dawn it-tentattivi pero` fallew; irrizulta wkoll li l-konvenuta llum qed tikkoabita ma' ragel iehor u minnu kellha wkoll tarbija izda l-espert legali stqarr, "*ma jaghtix wisq tort lill-konvenuta li fid-dawl ta' dan l-atteggjament (dak ta' l-attur) issib sfog f'attivitajiet barra l-familja u eventwalment f'guvni iehor. L-attur jilmenta li kien dan il-habib ta' martu li wassal ghat-tfarrik tal-familja, pero`, minghajr ma' l-esponent japprova l-agir tal-konvenuta, irid jinnota li lanqas ma kien korrett l-attur li ppretenda li hu jista' johrog jiddeverti u jdum kemm irid barra waqt li martu kellha tibqa' d-dar wahedha mat-tfal. Il-vjolenza li wera fil-konfront ta' martu specjalment quddiem it-tfal ukoll tindika nuqqas ta' responsabilita` da parti ta' l-attur. L-attur donnu fis-subkonxju tieghu kien irrabjat li kien kostrett jizzewweg minhabba t-tqala (meta kellhom x'jaqsmu, qaltlu li support kienet fis-safe period) u ma riedx jinqata minn dik il-hajja, u rreaggixxa ghal kull tfixkil b'rabbja u anki bi vjolenza.*" Gie wkoll rilevat f'dan ir-rapport illi fil-fatt fl-ahhar tal-kawza l-attur jidher illi kien biddel hajtu u anki minn naha tieghu ssetilja ma' tfajla ohra; b'dan kollu jidher li fi zmien taz-zwieg ma kienux ippreparati ghal dan il-pass li sabhom mhux ippreparati u ma jafux jerfghu r-responsabiltajiet rizultanti minn dan il-pass;

Illi l-attur anki waqt l-gherusija qasira ta' bejniethom ma kienx deher dispost li jaqta l-hajja ta' giri u divertiment li kien qed jghix f'dak iz-zmien u kien jiehu gost igawdi l- hajja

minghajr ebda responsabilita` ta' xejn u jidher li l-karattru tieghu ma kienx ghadu zviluppa l-maturita` mehtiega kif anke jidher minn dak illi gara snin wara z-zwieg ta' bejn il- kontendenti;

Illi minn naha taghha l-konvenuta kienet ukoll snin izghar mill-attur u ghaliha dak iz-zmien kollox kien jidher sabih u romantiku u, kif gustament osservat mill-abbli relatur, kienet thossha li ghamlet xi akkwist kbir illi bdiet tohrog ma' guvni li kien maghruf illi hafna tfajliet kienu jaqghu ghalih;

Illi anke fl-isfera ta' l-atteggjament tal-genituri tal-kontendenti jidher illi kieku ma kienx ghat-tqala tal-konvenuta dan iz-zwieg ma kienx isehh, u dawn izzewgu biss minhabba din it-tqala;

Illi l-Qorti tifhem li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null meta jirrizulta b'mod car u mhux b'xi skuza li l-koppja kienet, kif nghidu ahna bil-malti "mohh ir-rih" meta gie ccelebrat iz-zwieg u meta t-tqala ta' l-gharusa tkun piz u konsiderazzjoni determinanti fid-decizjoni biex il-kontendenti jizzewgu;

Illi c-cirkostanzi tal-kontendenti certament ma jindikawx illi huma kellhom il-grad ta' liberta` psikologika mehtiega biex wiehed ikun jista' jasal ghal decizjoni tant importanti; ma jistax ma jigix sottolineat ir-rwol li laghbu l-genituri biex iwassluhom ghaz-zwieg kemm biex it-tarbija titwieled fi zwieg, kif ukoll peress li kienu jisperaw illi iz-zewg kontendenti jrabbu l-ghaqal u jissetiljaw fil-hajja matrimonjali, haga illi

ovvjament ma gratx u lanqas jidher li rrnexxilhom almenu izommu 'il boghod minn relazzjonijiet extra-konjugali.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-Talba Attrici u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fl-14 ta' April 1982 u dan minhabba nuqqas a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg imputabbli liz-zewg kontendenti.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur